

31996F0698

12.12.1996

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 322/3

AZZJONI KONĠUNTAT
tad-29 ta' Novembru 1996

adottata mill-Kunsill fuq il-bażi ta' l-Artikolu K.3 tat-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea, dwar koperazzjoni bejn awtoritajiet doganali u organizzazzjonijiet tal-kummerċ fil-ġlieda kontra t-traffikar tad-droga

(96/698/JHA)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, l-Artikolu K.3 (2) (b) miġjub fih,

Wara li kkunsidra l-inizjattiva ta' l-Irlanda,

Wara li kkunsidra r-rapport tal-Grupp Espert dwar id-Droga, kif approvat mill-Kunsill Ewropew f'Madrid fl-1995,

Waqt li jirrikonoxxi li l-faċilitajiet u s-servizzi ta' organizzazzjonijiet leġittimi tan-negozju jistgħu bil-moħbi jkunu traffikanti illegali tad-droga,

Billi l-ogħla grad ta' koperazzjoni huwa essenzjali bejn l-awtoritajiet doganali u organizzazzjonijiet tal-kummerċ fil-ġlieda kontra t-traffikar tad-droga;

Billi appoġġ għat-tisħiħ ta' koperazzjoni bejn l-awtoritajiet doganali u organizzazzjonijiet tal-kummerċ fil-ġlieda kontra t-traffikar tad-droga kien espress mill-Grupp tas-Seba' (G7) fil-laqgħat għolja f'Londra (1991) u Munich (1992);

Billi r-Riżoluzzjonijiet tal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali tan-NU 1993/41 tas-27 ta' Lulju 1993 u 1995/18 ta' l-24 ta' Lulju 1995 ikkonfermaw l-użu ta' Memoranda ta' Ftehim bħala mezz prattiku biex jinkisbu riżultati tanġibbli fl-infurzar tad-droga, waqt li tinżamm l-ispinta tal-faċilitazzjoni tal-kummerċ;

Billi pjan ta' azzjoni biex jiġu żviluppanti sistematikament il-Memoranda ta' Ftehim fil-qasam doganali kien adottat mill-Kunsill ta' l-Organizzazzjoni Dinjija Doganali (WCO),

Waqt li jinnota li l-programm ta' Memoranda ta' Ftehim mibdi mid-WCO kellu suċċess mad-dinja kollha fil-konsolidazzjoni tal-koperazzjoni bejn l-awtoritajiet doganali u organizzazzjonijiet tal-kummerċ;

Waqt li jinnota b'żieda li xi Stati Membri ta' l-Unjoni Ewropea diġà bdew programmi ta' Memoranda ta' Ftehim nazzjonali ma' organizzazzjonijiet tal-kummerċ rigward kemm it-traffikar tad-droga kif ukoll reati oħra doganali;

Konxju li espansjoni ta' dawn il-programmi għall-Istati Membri kollha u għal numru akbar ta' organizzazzjonijiet tal-kummerċ tista' ggħib aktar vantaġġi ta' infurzar,

ADOTTA DIN L-AZZJONI KONĠUNTA:

Artikolu 1

Sabiex tiġi konsolidata r-relazzjoni ta' koperazzjoni diġà eżistenti bejn l-awtoritajiet doganali ta' l-Istati membri u organizzazzjonijiet tal-kummerċ li joperaw fl-Unjoni Ewropea fil-ġlieda kontra t-traffikar tad-droga, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu jew jiżviluppaw aktar programmi ta' Memoranda ta' Ftehim f'livell nazzjonali taħt il-linji gwida preskritti f'din l-azzjoni konġunta u għandhom jistiednu parteċipazzjoni f'dawk il-programmi.

Artikolu 2

Il-Memoranda ta' Ftehim bejn l-awtoritajiet doganali u organizzazzjonijiet tal-kummerċ jista' jkun fihom, iżda m'hemmxx għalfejn ikunu limitati għal, disposizzjonijiet fir-rigward ta' dan li ġej:

— l-iskambju ta' ismijiet ta' kuntatt fid-dwana u fl-organizzazzjoni firmatarja,

- il-provvista lid-dwana, mill-firmatarju ta' tagħrif bil-quddiem dwar merkanzija jew passiġġieri kif xieraq,
- aċċess mid-dwana għas-sistemi ta' informazzjoni tal-firmatarju,
- stima mid-dwana tal-proċeduri tas-sigurtà tal-firmatarju,
- żvilupp u implimentazzjoni ta' pjanijiet biex tittejjeb dik is-sigurtà,
- verifkar fuq imġjegati ngaġġati reċentement mill-firmatarju,
- provvista mid-dwana ta' taħriġ lill-impjegati tal-firmatarju.

Artikolu 3

L-awtoritajiet doganali għandhom perjodikament jirrevedu l-operazzjoni tal-programmi nazzjonali tal-Memoranda ta' Ftehim u għandhom ukoll jirrevedu l-implimentazzjoni ta' Memoranda ta' Ftehim individwali u, bi ftehim mal-firmatarji, jadattawhom kif meħtieġ biex jassiguraw effettività massima.

Artikolu 4

L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lis-Segretarjat tal-Kunsill bil-miżuri li jkunu hađu biex jimplementaw id-disposizzjonijiet ta'

din l-azzjoni konġunta sena wara d-dħul fis-seħħ tagħha u wara dan kull meta mitluba mill-Presidenza.

Artikolu 5

L-Istati Membri jistgħu jestendu l-iskop tal-Memoranda ta' Ftehim stabbiliti taħt il-programmi msemmija fl-Artikolu 1 biex ikopru reati oħra li għalihom l-awtoritajiet doganali huma kompetenti b'żieda mat-traffikar tad-droga.

Artikolu 6

L-azzjoni konġunta għandha tiġi ppublikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

Hija għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha.

Magħmula fi Brussel, fid-29 ta' Novembru 1996.

Għall-Kunsill

Il-President

N. OWEN